# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 456/2012**

Il-Pulizija

vs

**Glenn Camilleri**

iben Carmel, imwieled Pieta', fl-1 ta' Dicembru, 1993, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 541993(M)

Illum, 11 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Glenn Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-6 ta' April, 2012 ghal habta ta' 00.15hrs fi Vjal l-Indipendenza, Mosta-

i. Saq vettura Nru. EBD 857 b'manjiera perikoluza;
ii. Saq vettura Nru. EBD 857 b'manjiera traskurata;
iii. Bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju mill-vettura Nru. EBD 857, kemm b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor, ikun li jkun, saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu l-permess tas-sid jew awtorita' ohra kompetenti;

iv. Saq l-istess vettura Nru. EBD 857 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-isemmija vettura;

v. Saq l-imsemmija vettura Nru. EBD 857 minghajr ma kien kopert b'polza ta ' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

vi. Waqt li kien qed isuq vettura Nru. EBD857 qasam il-linji bojod kontinwi;

vii. Saq il-vettura Nru. EBD 857 b'velocita ' eccessiva; u

viii. Waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu l-imsemmija vettura Nru. EBD 857 naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija waqt li kien qed jidderigi t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijiethom u cioe' naqas li jieqaf meta gie mitlub li jaghmel hekk .

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3)(2) u 61 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 75,124 u 127 LS 65.11, liberat lill-imputat mit-tielet akkuza, sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-hames, tas-sitta, tas-seba' u tat-tmien akkuza u ikkundannatu ghal hlas ta' multa komplessiva ta' €2,800 pagabbli fuq medda ta' sentejn u sospendit li jkollu licenzja ghal zmien sena (tnax il-xahar) mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Glenn Camilleri tal-11 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [kif presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D.] fil-kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija -vs- Glenn Camilleri' u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi a bazi tax-xhieda moghtija viva voce miz-zewg ufficjali tal-Pulizija - PS1574 Renaldo Cremona u PC 1189 Jurgen Falzon - waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2012 ebda wahda mill-

akkuzi dedotti kontra l-appellant ma setghet tirrizulta gjaldarba l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija naqsu milli jsemmu fix-xhieda taghhom (i) id-data tal-akkadut; u (ii) in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Di fatti l-avukat tal-appellant emfasizza fuq dal-punt waqt it- trattazzjoni tieghu ghaliex gjaldarba l-Ewwel Qorti gustament iddecidiet illi tiskarta l-affidavits ta' dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija peress illi dawn kienu palezement inattendibbli ghaliex kontra kull regola tal-procedura dawn l-affidavits saru bhala sforz kongunt bejn iz-zewg ufficjali u mhux ix-xhieda individwali ta' kull wiehed minnhom, allura a bazi ta' dak li xehdu viva voce ma setghet tinstab htija qatt fl-appellant ghar-ragunijiet fuq esposti.

Illi oltre dan jigi rilevat illi l-appellant cahad bil-qawwa kollha l-involviment tieghu f’dan l-akkadut (kif konfermat mill-istess ufficjali tal-Pulizija) u oltre dan assolutament mhuwiex attendibbli dak li xehdu l-istess ufficjali tal-Pulizija li minkejja li kien id-dlam u il-vettura ghaddiet minn hdejhom b'velocita' kbira huma identifikaw pozittivament lill-appellant mis-sistema tal-PIRS semplicement ghaliex hadu l-impressjoni li s-sewwieq kien zaghzugh. Hija regola bazilari li fil-kamp kriminali id-dubju jimmilita favur l-imputat a bazi tal-principju kardinali 'in dubio pro reo' u l-akkuzi jridu jigu ppruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, xi haga li certament ma saritx fil-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi ghandu jigi rilevat li dan hu kaz sommarja u ghalhekk ma saret ebda traskrizzjoni tal-persuni li ofrew ix-xhieda taghhom quddiem l-ewel Qorti.  Dan ifisser li din il-Qorti kellha terga tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda li z-zewg pulizija li xehdu f'dan il-kaz naqsu li jsemmu meta gara l-kaz u in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura meritu ta' dan il-kaz. Sfortunatament, din il-Qorti jista' jistrieh biss fuq dak li qalu ix-xhieda quddiemha.

Illi biex jigi analizzat it-tieni aggravju jkun opportun li jsir analizi qasira tal-fatti.

Illi fis-6 ta' April, 2012 ghal habta tal-kwarta ta' fil-ghodu PS1574 Renaldo Cremona u PC1189 Jurgen Falzon kienu fuq kollizzjoni li grat fi Vjal l-Indipendenza, Mosta. Kien hemm mutur u maqlub u ghalhekk il-vettura tas-servizz kellha l-beacon lights mixghula. Gara li dak il-hin huma semghu l-hoss ta' vettura li kienet gejja min-naha l-hazina tat-triq, jigifieri kienet gejja 'wrong side'. Jirrizulta li l-kuntistabbli beda jxejjer bit-torch biex din il-vettura tieqaf izda din baqghet sejra. Skont il-kuntistabbli dan ix-xfier deher zaghzugh. Waqt li l-vettura kienet ghaddejja l-kuntisabbli Falzon lahaq ha n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura.

Illi l-kuntistabbli xehed li hu ma l-ghassa u mir-ricerka li ghamel rrizulta li din il-vettura kienet ta' Carmel Camilleri. Hu vverfika min kien joqghod ma dan Carmel Camilleri u wara li ra r-ritratt tat-tifel ta' Carmel Camilleri hu gharaf lill-appellant bhala dak iz-zaghzugh li kien qed isuq dik il-vettura.

Illi x-xhieda ta' PS1574 Renaldo Cremona tmur oltre fis-sens li hu xehed li mar id-dar ta' Camilleri u sab il-vettura hawn fuq imsemmija li kienet ghada shuna u li habbat il-bieb tar-residenza ta' Camilleri izda ma fetah hadd. Dawn il-fatti xehedhom l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. La kitibhom fir-rapport tieghu, la fil-Pers u lanqas ma xehedhom quddiem l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti fliet iz-zewg rapporti li ghamlu l-pulizija izda jirrizulta li dawn ir-rapporti huma identici, haga li ssolleva l-appellant fil-kors ta' dan l-appell. Sfortunatament, l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2012 u is-sentenza giet prounzjata dak in-nhar stess izda ma hemm ebda verbal ta' min xehed f'dik l-udjenza wisq anqas ta' x'gara f'dik l-udjenza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant dak in-nhar tal-kaz ma kellu ebda licenzja tas-sewqan u ma saret ebda prova da parti ta' l-appellant li kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji kontra terzai.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti din il-Qorti hi sodisfatta li x-xhieda ta' PC1189 Jurgen Falzon hi wahda attendibbli u veritjera.  Fis-sistema penali taghhna xhud wiehed, jekk emmnut, hu bizzejjed biex jirradika responsabilita' penali.  Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda dubju li jista' jmur favur l-appellant u ghalhekk it-tieni aggravju hu michud.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Glenn Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata.